MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2023

Appell Inferjuri Numru 88/2022 LM

**Vincent (K.I. nru. 349053(M)) u Martina (K.I. nru. 603954(M)) konjuġi Micallef u Vanessa Micallef (K.I. nru. 389785(M))**
*('ir-rikorrenti')*

***vs.***

**Jethro Bugeja (K.I. nru. 300384(M))**
*('l-intimat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dawn huma żewġ appelli magħmulin wieħed mill-intimat **Jethro Bugeja (K.I. nru. 300384(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-intimat'], u l-ieħor inċidentalment mir-rikorrenti **Vincent (K.I. nru. 349053(M)) u Martina (K.I. nru. 603954(M)) konjuġi Micallef u Vanessa Micallef (K.I. nru. 389785(M))** [minn issa 'l quddiem

‘ir-rikorrenti’] minn sentenza mogħtija fis-6 ta’ Diċembru, 2022, [minn issa ’l quddiem ‘is-sentenza appellata’] mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar [minn issa ’l quddiem ‘it-Tribunal’], li permezz tagħha ddeċieda it-talba tar-rikorrenti billi:

> *“i. Jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut;*
>
> *ii. Jilqa’ t-talbiet tal-atturi u għalhekk jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi s-somma ta’ elf u disa’ mitt Euro (€1,900) bl-imgħax li għandu jkun ikkalkulat b’rata mhux ogħla mir-rata massima li tippermetti l-liġi, dekorribbli mid-data tal-ftuħ ta’ din il-kawża sad-data tal-pagament effettiv.*
>
> *It-Tribunal jiċħad il-parti tal-Avviż tat-Talba li permezz tagħha ntalbu l-ispejjeż tal-mandat kawtelatorju u tal-ittra uffiċjali ladarba ma ġietx ippreżentata prova tal-eżistenza tagħhom.*
>
> *L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu interament mill-konvenut.”*

## Fatti

2. Il-każ odjern jirrigwarda allegat self tas-somma ta’ €1,900 li sar mir-rikorrenti lill-intimat, liema somma tagħmel parti minn bilanċ ikbar, u baqgħet ma tħallsitx lura mill-istess intimat għalkemm debitament interpellat.

## Mertu

3. Ir-rikorrenti istitwew dawn il-proċeduri quddiem it-Tribunal permezz tal-preżentata ta’ Avviż tat-Talba fit-23 ta’ Marzu, 2022 fejn talbu l-imsemmi Tribunal jogħġbu:

> *“...jordna u jikkundanna lill-intimat Jethro Bugeja sabiex iħallas lill-istess rikorrenti s-somma ta’ elf u disa’ mitt Euro (€1900) rappreżentanti self magħmul lill-intimat mill-esponenti u li l-esponenti obbliga ruħu li jħallas anke waqt proċeduri ġudizzjarji imma baqa’ inadempjenti anke wara li ġie debitament interpellat.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet sad-data tal-pagament effettiv u liema spejjeż għandhom jinkludu wkoll dawk tal-mandat ippreżentat kontestwalment ma' din il-kawża u dawk tal-ittra uffiċjali numru 2689/2021 maħruġa kontra l-intimat taħt l-art. 166A kontra l-istess intimat minn issa nġunt in subizzjoni."*

4. L-intimat wieġeb fis-26 ta' April, 2022, fejn eċċepixxa li t-talba tar-rikorrenti għandha tiġi miċħuda fil-fatt u fid-dritt stante s-segwenti:

*"1. Fl-ewwel lok l-esponenti mhu konsapevoli mill-ebda self li sar lilu mir-rikorrenti.*

*2. Fit-tieni lok l-ebda obbligazzjoni ma saret mill-esponenti f'xi att ġudizzjarju li jikkonferma dan is-self u dan kif sejjer jiġi ppruvat fil-kors tal-kawża.*

*3. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.*

*Bl-ispejjeż tal-preżenti, inkluż tan-nota in atti tal-ittra uffiċjali taħt l-artikolu 166A numru 2689/2021."*

## Is-Sentenza Appellata

5. It-Tribunal wasal għas-sentenza appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

*"**Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal***

*Jirriżulta li din il-kwistjoni twieldet minn kawża li kienet pendenti quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), liema kawża eventwalment ġiet deċiża finalment mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) permezz tas-sentenza datata 21 ta' Ottubru 2021 fl-ismijiet* **Jethro Bugeja pro et noe vs. Josette Bugeja Micallef**.

*Josette Bugeja Micallef hija bint l-atturi Vincent u Martina Micallef, u għal xi żmien kienet miżżewġa lil Jethro Bugeja. L-atturi f'din il-kawża jistrieħu fuq il-paragrafu 6.4 tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (li tinsab a fol. 99 a tergo tal-proċess ta' din il-kawża). Dak il-paragrafu jgħid li Jethro Bugeja u Josette Bugeja Micallef huma midjunin mal-familjari tal-istess Josette Bugeja Micallef fl-ammont ta' €1,900 u għalhekk jifdal biss li n-nofs rimanenti jkun irkuprat mingħand Jethro Bugeja. Jidher ukoll li l-Qorti tal-Appell għamlet eċerżizzju simili dwar ammonti oħrajn li b'riżultat tiegħu nfetħu kawżi*

*ċivili għall-irkupru ta' flejjes, fosthom is-sentenza li tinsab a fol. 109 et seq. tal-atti ta' din il-kawża.*

*Josette Micallef xehdet u kkonfermat li l-ammont ta' €3,800 kien misluf lilha mill-atturi f'din il-kawża, li huma missierha, ommha, u oħtha. Hija qalet li l-ammont kien mgħoddi lilha u lil Jethro Bugeja (li f'dak iż-żmien kien żewġha). Hija spjegat li meta hi u Jethro kienu jkunu quddiem il-Perit Legali Dr. Anna Mallia (li kienet inħatret mill-Qorti Ċivili [Sezzjoni Familja], il-ftehim dejjem kien li hu u hi jħallsu €1,900 separatament lill-atturi f'din il-kawża. Meta mistoqsija dwar l-eċċezzjonijiet vantati mill-konvenut, Josette Micallef qalet li ma jistax ikun il-konvenut ma kien jaf xejn dwar l-ammont pretiż.*

*Hemm ammont ta' dokumenti esebiti mill-konvenut li jikkonsistu fil-verbali tad-diversi seduti li saru quddiem il-Perit Legali. Fid-dokument a fol. 149 hemm indikat ċar li quddiem il-Perit Legali, Vincent Micallef kien xehed b'mod perfettament konsistenti max-xhieda tiegħu quddiem dan it-Tribunal. Konsistenti ma' dan hija x-xhieda ta' Vanessa Attard quddiem il-Perit Legali (fol. 150).*

*It-Tribunal jgħid mingħajr tlaqliq li ma jsibx li l-ewwel eċċezzjoni treġi. Huwa evidenti li fil-kors ta' proċeduri quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) u eventwalment quddiem il-Qorti tal-Appell (Superjuri), ġie ddikjarat li Jethro Bugeja u Josette Bugeja Micallef (illum Micallef) kienu midjunin mal-atturi f'din il-kawża fis-somma ta' €3,800. Issa, permezz ta' din l-azzjoni, l-atturi qed jitolbu li Jethro Bugeja jħallas sehmu min dik is-somma. M'għandu jkun hemm ebda argument dwar il-kontenut ta' sentenza li hija* res judicata.

*L-avukat patroċinanti l-atturi korrettement jirrileva li anke fl-atti tas-separazzjoni kien hemm enfasi fuq dan is-self, u fil-fatt dan joħroġ mill-verbali tas-seduti li saru quddiem il-Perit Legali.*

*Dawn il-proċeduri huma riżultat tal-fatt li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell, tgħid x'tgħid, qatt ma setgħet tagħmel stat fil-konfront ta' persuni li ma kinux partijiet fil-proċeduri quddiemha. Għalhekk qatt ma setgħu jsiru mandati eżekuttivi mill-atturi f'din il-kawża versu Jethro Bugeja abbażi tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell. Għalhekk, l-atturi kienu kostretti jiftħu kawżi oħrajn, fosthom din il-kawża, sabiex ikunu kkanonizzati l-krediti diversi u abbażi tal-kontenut tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell. It-Tribunal iħoss li għandu josserva però li għalkemm sentenza tal-Qorti tal-Appell ma setgħetx tintuża mill-atturi sabiex jieħdu l-ammonti li għandhom jieħdu mingħand Jethro Bugeja, lanqas mhu permissibbli jew konsentit li dawn il-proċeduri jintużaw mill-konvenut biex jipprova jwettaq rilitazzjoni ta' dak stabbilit mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell.*

*It-Tribunal ma jikkondividix il-fehma tal-konvenut u ma jqisx li l-eċċezzjonijiet tiegħu jreġu."*

## L-Appell

6. L-intimat ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu quddiem din il-Qorti fit-22 ta' Diċembru, 2022, fejn qiegħed jitlobha sabiex tħassar is-sentenza appellata filwaqt li tiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontrihom. Jgħid li l-aggravju tiegħu huwa li t-Tribunal għamel apprezzament manifestament ħażin tal-provi kollha prodotti.

7. Ir-rikorrenti wieġbu fit-12 ta' Jannar, 2023, fejn qegħdin jikkontendu li s-sentenza appellata hija waħda ġusta u salv għall-kap tal-ispejjeż li kien qed jiġi kkontestat permezz ta' appell inċidentali ppreżentat kontestwalment, għandha tiġi kkonfermata bl-ispejjeż kontra l-intimat. L-aggravju uniku li l-r-rikorrenti qegħdin iressqu permezz tal-imsemmi appell inċidentali, huwa fir-rigward taċ-ċaħda tat-talba tagħhom għall-ħlas tal-ispejjeż ġudizzjarji tal-mandat kawtelatorju u tal-ittra uffiċjali.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju tal-intimat li huwa li t-Tribunal għamel apprezzament manifestament ħażin tal-provi kollha prodotti. Jispjega li l-imsemmi Tribunal interpreta ħażin il-para. 6.4 tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-21 ta' Ottubru, 2021, fejn l-istess Qorti ma kinitx qegħda tgħid li hu u martu huma debituri tar-rikorrenti, iżda minflok hija kienet għamlet riferiment għall-*'allegat dejn',* u li dan kellu jiġi *'kanonizzat b'sentenza'.* Barra

minn hekk jgħid li kienet żbaljata l-konklużjoni tat-Tribunal li l-Qorti tal-Appell kienet għamlet xi eżerċizzju dwar ammonti oħra dovuti, u li b'hekk infetħu proċeduri ċivili oħra sabiex jitħallsu flejjes oħra, u dan għaliex is-sentenza li jagħmel riferiment għaliha kienet saħansitra ngħatat disa' xhur qabel is-sentenza tal-Qorti tal-Appell, u ma kien hemm l-ebda proċeduri oħra. Jirrileva li x-xhieda ta' Josette Bugeja Micallef ma setgħetx tittieħed bħala waħda kredibbli għaliex mill-atti esebiti ma kienx irriżulta li huma xi darba ftehmu dwar l-allegat dejn mertu tal-kawża odjerna. Irrileva li quddiem il-Perit Legali, hu u l-imsemmija Josette Bugeja Micallef kienu ddikjaraw li ma kellhom l-ebda dejn ieħor għajr għal dak fuq id-dar matrimonjali favur l-HSBC Bank (Malta) p.l.c. Filwaqt li l-intimat jagħmel riferiment għall-verbali tal-Qorti tal-Appell tal-20 ta' Jannar, 2017 u tal-1 ta' Novembru, 2017, fejn fl-aħħar wieħed hemm indikat li ma kien hemm l-ebda dejn fuq il-garaxxijiet li fuq wieħed minnhom allegatament sar id-dejn in kwistjoni, huwa jiċċita dak li qal ir-rikorrent Vincent Micallef fix-xhieda tiegħu anki b'riferiment għar-rapport tal-Perit Legali Dr Anna Mallia, meta mistoqsi jekk huwa kienx qatt talab il-flus lura mingħand l-intimat. Jikkontendi li fl-imsemmi rapport kien erronejament ġie ndikat li mir-rikavat tal-prezz tal-bejgħ tal-garaxx, kellha titħallas is-somma ta' €3,800 lir-rikorrenti. L-intimat jagħmel ukoll riferiment għal paġna 54 tas-sentenza tal-appell fejn jgħid li r-rikorrenti kienu qegħdin ikunu qarrieqa fir-riferiment li dejjem għamlu għall-istess relazzjoni. Jirrileva li mit-trattazzjoni tal-avukat difensur tar-rikorrenti, kien joħroġ ċar x'kienet l-allegazzjoni tagħhom. Jgħid li t-Tribunal straħ fuq dak li ngħad mill-istess avukat difensur mingħajr ma qies id-dokumenti voluminużi li ġew ippreżentati quddiemu mir-rikorrenti stess, u saħansitra mexa ma' dak li ngħad dwar il-kredibbilità fl-imsemmija trattazzjoni. L-intimat jagħmel

riferiment għax-xhieda permezz ta' affidavit tar-rikorrent Vincent Micallef, fejn qal li hu u r-rikorrenti l-oħra kienu silfu lilu u bint l-istess intimat is-somma ta' €3,800 sabiex huma jixtru garaxx ġewwa ż-Żejtun. Għamel ukoll riferiment għal dak li qal l-istess intimat in kontro-eżami quddiem il-Perit Legali l-Avukat Anna Mallia u għall-kuntratt ta' akkwist tal-garaxx, filwaqt li ssottometta li l-prezz ta' €11,200 kien jirrappreżenta somma parafernali ta' martu Josette Bugeja Micallef. Jgħid li dan jirriżulta mir-relazzjoni tal-imsemmija Perit Legali u anki mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri), u għal dawn ir-raġunijiet jikkontendi li ma kienx hemm lok li huma jissellfu ammont ieħor sabiex iħallsu l-prezz tal-garaxx. B'hekk it-talbiet tar-rikorrenti kellhom jiġu miċħuda.

9. Ir-rikorrenti wieġbu fit-12 ta' Jannar, 2023 fejn jikkontendu li għajr għall-kap tal-ispejjeż, is-sentenza appellata hija ekwa u ġusta. Qabel xejn jissottomettu li kif inhu sew risaput u anki ritenut diversi drabi mill-qrati, qorti ta' reviżjoni m'għandhiex twarrab malajr l-apprezzament tal-provi magħmul mill-qorti tal-ewwel istanza. Hawnhekk huma jgħaddu sabiex jiċċitaw fit-tul mis-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, mogħtija fis-6 ta' Diċembru, 2011 fl-ismijiet **Dhalia Investments Limited (C 1604) *vs.* Gloria Pont**, u jikkontendu li fil-każ odjern ma jirriżultawx raġunijiet gravi kif meħtieġa sabiex din il-Qorti tbiddel l-apprezzament magħmul mit-Tribunal. Ir-rikorrenti jissottomettu li l-każ odjern huwa wieħed tipiku fejn il-kredibbilità tax-xhieda prodotti hija fundamentali, filwaqt li jispjegaw dak li qiegħed jeċċepixxi l-intimat, jiġifieri li huwa ma jafx bis-self allegat, li saħansitra ma jirriżultax min xi att ġudizzjarju. Hawnhekk jgħidu li kien mistenni li l-intimat jagħmel riferiment għax-xhieda tiegħu stess, iżda r-raġuni għal dan kienet waħda ċara. Jispjegaw li skont ix-xhieda tiegħu mogħtija waqt is-seduta tal-4 ta' Ottubru, 2022, jirriżulta

li l-intimat mhux ma kienx jaf bis-self, iżda kien jaf li l-flus ħarġithom martu u li din ħallasha lura skont dak li kien dovut. Jirrilevaw li madankollu ma ressaq l-ebda eċċezzjoni dwar dan. Ir-rikorrenti jikkontendu li jirriżulta wkoll li l-intimat kien jaf bis-self sa mis-sena 2015, meta dan saret riferiment għalih quddiem in-Nutar. Dwar dak li ntqal mill-Perit Legali, huwa qal li ma setax jitfakar peress li kien għadda ż-żmien. Jirrilevaw li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-sentenza tagħha tat-13 ta' Jannar, 2021 fl-ismijiet **Vincent u Martina konjuġi Micallef *vs.* Jethro Bugeja***,* Avviż nru. 178/216CFF, diġà kellha l-opportunità li tesprimi ruħha dwar il-kredibbilità tal-intimat. Ir-rikorrenti jikkontendu li l-fatt li dawk il-proċeduri ġew deċiżi qabel il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell, ma kien ibiddel xejn minn dak li ġie determinat. Isostni li għalkemm mart l-intimat kienet ħallset lura sehemha, l-istess intimat kien naqas milli jagħmel dan, filwaqt li ressaq difiża għal kollox frivola u vessatorja. Jgħidu li l-każ preżenti kien ġie ntavolat wara dak quddiem il-Qorti tal-Familja fejn kien ġie diskuss. Ir-rikorrenti hawnhekk jiċċitaw dak li qalet l-imsemmija Qorti, iżda għamlu wkoll riferiment għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri). Huma jressqu diversi punti sabiex jissostanzjaw l-argument tagħhom li ma jistax ikun li l-intimat ma kienx jaf bis-self in kwistjoni. Jammettu li kien tassew minnu li l-Perit Legali kienet ammettiet li hija kienet ħadet żball meta ddikjarat l-intimat kien qabel li jħallas l-ammont dovut lill-ġenituri. Huma jgħidu li mhux ġust il-kumment tal-intimat li r-rapport tal-Perit Legali kien *"inondat bl-iżbalji",* u jirrilevaw żewġ punti favur il-fatt li kien proprju l-intimat li ammetta li kien hemm id-dejn fuq il-garaxx, fatt li saħansitra jsostnu ġie wkoll rikonoxxut mill-Perit Legali. Jgħidu li dan ukoll ġie kkonfermat fil-proċeduri odjerni, u jagħmlu riferiment għax-xhieda tar-rikorrenti Vanessa Micallef, dik ta' oħtha mart l-intimat, u tar-rikorrent Vincent

Micallef. Ir-rikorrenti jissottomettu li l-eċċezzjonijiet tal-intimat saħansitra jkomplu jikkontradixxu l-eċċezzjoni tiegħu li huwa ma kien jaf bl-ebda self, u fid-dawl ta' dan kollu jinsistu li huwa ma jistax jippretendi li l-Qorti kienet ser taċċettaha. Jgħidu wkoll li l-ebda waħda mill-eċċezzjonijiet tiegħu ma tista' tikkontesta validament u legalment it-talba tagħhom għall-ħlas. Meħuda in konsiderazzjoni l-provi kollha li saru quddiem it-Tribunal, dak deċiż permezz tas-sentenzi suriferiti, u anki dak li rriżulta mill-proċeduri ta' separazzjoni, it-Tribunal kellu raġun meta ddikjara li r-rikorrenti kienu baqgħu għal kollox konsistenti max-xhieda tagħhom, u għalhekk ġustament l-istess Tribunal ċaħad l-eċċezzjonijiet tal-intimat, u laqa' t-talbiet tagħhom. Dwar l-uniku aggravju li huma qegħdin iressqu permezz tal-appell inċidentali tagħhom, jissottomettu li kif deċiż bosta drabi, l-atti fir-reġistri tal-qrati domestiċi jistgħu jiġu kkonsultati mingħajr bżonn tal-preżentata tagħhom fil-proċeduri, u hawnhekk huma jgħaddu sabiex jagħmlu riferiment għal diversi sentenzi tal-qrati in sostenn tal-argument tagħhom. Jgħidu li dan dejjem sakemm l-att jiġi ndikat fil-proċeduri nfushom, proċedura s-soltu addottata mit-Tribunal fejn id-deċiżjonijiet tiegħu għandhom ikunu msejsa fuq l-ekwità. Jikkontendu li l-atti in kwistjoni kienu ġew ampjament indikati fl-Avviż tagħhom, fejn b'riċerka ħafifa seta' jiġi kkonfermat li l-mandat kien assenjat in-numru 594/2022. Isostnu li wara kollox l-intimat ma kien ressaq l-ebda eċċezzjoni fir-rigward tal-ispejjeż mitluba.

10. Il-Qorti tgħid li l-intimat għandu raġun. It-Tribunal kien tassew żbaljat meta qal li l-kwistjoni tal-allegat dejn tal-intimat kienet *res iudicata,* meħud in konsiderazzjoni dak li kienet qalet il-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza tagħha suriferita. L-osservazzjonijiet tal-imsemmija Qorti bl-ebda mod ma jistgħu jinftehmu li kienu qegħdin jiddeċiedu l-imsemmija kwistjoni, billi

ddikjarat li l-intimat u martu kienu debituri tar-rikorrenti fis-somma ta' €3,800, hekk kif immisinterpretahom tant faċilment it-Tribunal. Tgħid li ċari ferm kienu kliem il-Qorti tal-Appell, li din il-Qorti tħoss li għandhom jiġu riprodotti hawnhekk:

> *"114. Ladarba l-allegat dejn ta' €3,800 huwa kontestat mill-attur, l-ewwel Qorti ma kellhiex tidħol fil-mertu tal-istess. Peress li m'hemmx qbil dwaru u lanqas hemm ġudikat, is-somma ta' €3,800 ma tistax titqies dejn tal-komunjoni tal-akkwisti. Ovvjament dan sakemm ma jiġix kanonizzat b'sentenza favur dawk li jippretendu li huma kredituri, u f'dak il-każ kull part quddiem l-oħra titqies responsabbli għan nofs id-dejn (ukoll jekk quddiem it-terzi kredituri l-partijiet jitqiesu debituri* in solidum)."

11. Tgħid li saħansitra l-Qorti tal-Appell stqarret li ġaladarba d-dejn in kwistjoni kien qiegħed jiġi kkontestat mill-intimat, <u>l-ewwel Qorti ma kellhiex tidħol fil-mertu</u>, u dan filwaqt li għarfet ukoll li <u>ma kien hemm l-ebda ġudikat</u>.

12. Għaldaqstant din il-Qorti ssib li l-aggravju tal-intimat huwa ġustifikat u tilqgħu, iżda stante li dan ser iwassal għat-tħassir tas-sentenza appellata, tgħid li hija għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-appell inċidentali tar-rikorrenti.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi l-appell odjern billi tilqgħu u b'hekk tħassar is-sentenza appellata, b'dana li tibgħat l-atti lura lit-Tribunal sabiex jiddeċiedi t-talbiet tar-rikorrenti u l-eċċezzjonijiet tal-intimat.**

**L-ispejjeż tal-ewwel istanza u dawk tal-appell odjern għandhom ikunu a karigu tar-rikorrenti.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**